MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 109/2023 LM

**Paul Cachia (K.I. nru. 227364M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Water Services Corporation u**
**l-General Workers Union għal kull interess li jista' jkollha**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Paul Cachia (K.I. nru. 227364M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-27 ta' Ottubru, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], fi proċeduri li r-rikorrent fetaħ kontra **l-Water Services Corporation** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata KSI'] u **l-General**

**Workers Union (għal kull interess li jista' jkollha)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata GWU'], fejn it-Tribunal Industrijali ddeċieda illi:

> "*Li għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li fl-1 t'Awwissu, 2020 ir-rikorrent kien jaf żgur fhiex kien jikkonsisti dan il-ftehim kollettiv; li huwa intavola dawn il-proċeduri fil-21 ta' Diċembru, 2020 u li għalhekk oltre l-erba' xhur impost mill-artikolu 30(1) tal-kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta u jiċħad it-talbiet 3, 8, 9 u 10 tar-rikorrent.*
>
> *Għall-finijiet tal-Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.*
>
> *B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.*"

## Fatti

2. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa ilu impjegat mal-*Ministry for Transport, Infrastructure & CA,* il-Furjana mis-6 ta' Mejju, 1991. Qal li fl-1 ta' Ottubru, 2003 huwa ġie *detailed* mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-llma, skont l-artikolu 38 tal-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Qal li f'Settembru tal-2017 huwa kien involut f'investigazzjoni fir-rigward ta' avvenimenti li ġraw waqt il-ħin tax-xogħol, liema avvenimenti allegatament inqabdu minn filmati tas-sigurtà kkontrollati mill-intimata KSI. Qal li sussegwentement l-intimata KSI infurmatu li ma riditx li huwa jibqa' *detailed* magħha, u għalhekk permezz ta' ittra, ir-rikorrent talab lid-Direttur (*Resourcing*), Public Administration HR Office fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, sabiex huwa ma jibqax *detailed* mal-intimata KSI, u sabiex "*he resumes duties with the Public Service*"*.* Ir-rikorrent qal li din it-talba tiegħu ġiet miċħuda, u għalhekk wara li bejn is-17 ta' Settembru, 2018 u l-5 ta' Novembru, 2018 huwa

ħareġ fuq *vacation leave,* sussegwentement ħareġ bis-*sick leave* mill-għada sal-31 ta' Marzu, 2020. Qal li huwa għamel hekk fuq rakkomandazzjoni tal-Inġinier Stefan Riolo. Qal li huwa ffirma t-talba biex jirritorna fis-Servizz Pubbliku, u wara ħareġ fuq *sick leave* wara li safa mhedded li s-CCTV *footage* tal-inċident li huwa kien involut fih kien ser jispiċċa fuq il-*media,* jekk jipprova jirritorna lura għax-xogħol mal-intimata KSI. Ir-rikorrent qal li fil-15 ta' Mejju, 2019 huwa kien irċieva ittra mill-intimata KSI fejn ġie mgħarraf li bħala impjegat tal-Gvern, il-*file* personali tiegħu kien ser jiġi diviż, billi d-dokumentazzjoni li kien hemm fil-*file* sad-data meta ġie *detailed* mal-appellata KSI, kienet ser tibda tinżamm mid-Direttorat tal-Ministeru tal-Enerġija u tal-Ilma, filwaqt li d-dokumentazzjoni relatata mal-perijodu tad-*detailing,* jiġifieri wara l-1 ta' Ottubru, 2003, kienet ser tinżamm mill-intimata KSI. Qal li permezz ta' din l-ittra huwa ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu kollha, inkluż bid-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni u d-*data* personali tiegħu li kienu miżmuma mill-intimata KSI. Qal ukoll li fid-29 ta' Jannar, 2020 saret laqgħa bejnu u l-intimata KSI sabiex huwa jkun jista' jeżamina d-dokumenti u/jew *data* personali li kienet qiegħda tipproċessa l-intimata KSI u li jikkonċernaw lilu. Qal li waqt dik il-laqgħa huwa kien assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu, li talab konferma mill-intimata KSI dwar jekk minbarra d-dokumentazzjoni li ġiet murija lilu fil-laqgħa, kienx hemm dokumenti jew *data* oħra li jikkonċernaw lir-rikorrent in konnessjoni ma' xi investigazzjoni jew passi dixxiplinarji fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent qal li l-uffiċjali tal-intimata KSI kkonfermaw li sa dakinhar ma kien hemm ebda akkuża jew proċeduri dixxiplinarji effettivi kontra tiegħu, iżda riedu jinfurmaw ruħhom aħjar mal-*management* dwar jekk l-intimata KSI kienitx qiegħda żżomm xi *CCTV footage* li jikkonċerna lir-rikorrent, u ntrabtu li jibagħtulu kopja tal-*privacy policy* tal-

intimata. Ir-rikorrent spjega li fis-26 ta' Frar, 2020, l-intimata KSI ipprovdiet kopja tal-*privacy policy* tagħha, iżda infurmatu li effettivament kienet qiegħda tipproċessa l-filmati tas-CCTV li jikkonċernaw lilu, mingħajr ma kienet disposta li tgħaddilu kopja ta' dawn il-filmati, kif ukoll li dan il-*footage* kien ser jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina meta jinbdew il-proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent qal li kien għalhekk li fil-5 ta' Marzu, 2020, huwa informa lill-intimata KSI li kien irreġistra ilment mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-*Data* fir-rigward ta' din ir-risposta li ngħata għat-talba tiegħu. Ir-rikorrent kompla jgħid li fid-9 ta' Marzu, 2020, l-intimata KSI kkomunikat ix-xewqa tagħha li jintlaħaq kompromess dwar il-kwistjoni tal-*footage,* u li kien ser jinżamm proċess ta' medjazzjoni bejn il-partijiet quddiem il-Kummissarju tal-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-*Data*. Qal li meta rritorna għax-xogħol wara perijodu estensiv ta' *unpaid sick leave,* huwa ġie allokat id-doveri tiegħu b'mod normali għall-aħħar. Qal ukoll li fil-31 ta' Lulju, 2020, kienet saret laqgħa bejn il-partijiet taħt l-awspiċji tal-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-*Data,* liema laqgħa dehret li kellha eżitu pożittiv ħafna, u kollox kien jindika li kien ser jintlaħaq ftehim dwar il-kwistjonijiet kollha, iżda ġara li f'dik il-laqgħa ssemma għall-ewwel darba isem l-Inġinier Riolo bħala l-persuna li kien hedded lir-rikorrent li l-filmat kien ser jispiċċa fuq il-*media,* jekk jipprova jirritorna lura għax-xogħol mal-intimata KSI. Ir-rikorrent qal li meta d-*Data Protection Officer* kellmet lill-*management* dwar dan kollu, minflok intlaħaq il-ftehim li sa dak il-ħin kien jidher li ser jintlaħaq, beda jingħad li l-ftehim bejn il-partijiet kien li hekk kif ir-rikorrent jirritorna x-xogħol, kienu ser jinbdew proċeduri dixxiplinarji kontra tiegħu, u dan minkejja li r-rikorrent kien ilu erba' xhur li rritorna għax-

xogħol, u ma ġie infurmat bl-ebda proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent qal li l-intimata KSI infurmatu wkoll li ladarba kienu ser jinbdew dawn il-proċeduri fil-konfront tiegħu, il-*footage* in kwistjoni ma kienx ser jitħassar, u dan kuntrarjament għal dak li kien miftiehem li kellu jseħħ fil-laqgħa ta' medjazzjoni li saret taħt l-awspiċji tal-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-*Data.* Qal li huwa ċaħad bil-qawwa dak li beda jallega l-*management* tal-intimata KSI, li kien jeżisti qbil bejn ir-rikorrent u l-intimata KSI, li kellhom jinbdew proċeduri dixxiplinarji kontra r-rikorrent hekk kif jerġa' jidħol lura x-xogħol, u wissa lill-istess intimata KSI biex ma tivvittimizzahx bl-aġir tagħha, u dwar il-konsegwenzi kkontemplati fil-liġi f'każ li jiġri dan. Ir-rikorrent qal li minkejja dawn it-twissijiet, il-Kap Eżekuttiv tal-intimata KSI kitiblu sabiex jinfurmah li kienu ser jittieħdu proċeduri dixxiplinarji kontra tiegħu skont il-klawsola 2.3 tal-Kodiċi u Proċeduri Dixxiplinarji tal-Ftehim Kollettiv, fuq akkużi ta' *gross misconduct.*

3. Ir-rikorrent kompla jgħid li fi skambju ta' korrispondenza bejn l-avukat tiegħu u l-Kap Eżekuttiv tal-intimata KSI, dan tal-aħħar ċaħad li l-proċeduri dixxiplinarji kienu b'ritaljazzjoni għall-ilment tar-rikorrent mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-*Data,* u stqarr li kien ser jaħtar bord ta' investigazzjoni sabiex jinvestiga b'mod immedjat, imparzjali u indipendenti l-allegazzjonijiet taż-żewġ partijiet. Ir-rikorrent qal li l-intimata KSI ħarġet l-ittra bl-akkużi fis-27 ta' Lulju, 2020 dwar kwistjonijiet li allegatament seħħew fis-7 ta' Settembru, 2018, jiġifieri kważi sentejn wara, u dan minkejja li l-Kap Eżekuttiv tal-intimata KSI kien ilu jaf mill-2018 bl-allegazzjonijiet mertu tal-akkużi, jiġifieri ben oltre t-termini applikabbli għal ċirkostanzi bħal dawn. Qal li fil-25 t'Awwissu, 2020, l-intimata KSI infurmatu li kienet ser issir seduta tal-Bord

tad-Dixxiplina dwar l-imsemmija akkużi. Qal ukoll li dakinhar stess huwa nforma lill-Bord li l-proċeduri li nbdew kontra tiegħu huma irregolari, fost l-oħrajn għaliex mhumiex in regola ma' dak ikkontemplat mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, liema Kummissjoni għandha l-awtorità ewlenija li tiddetermina kwistjonijiet dixxiplinari li jikkonċernaw ħaddiema tal-Gvern, bħal ma huwa r-rikorrent. Kompla jgħid li huwa informa lill-intimata KSI, li fil-fehma tiegħu d-deċiżjoni li jmexxu kontra tiegħu waqt li huwa kien qiegħed fuq *injury leave,* ma tirrikonċilja xejn mar-raġuni li bdiet tipprovdi l-intimata KSI, ossija li r-rikorrent kien fuq *sick leave,* sabiex tiġġustifika t-tnedija ta' proċeduri dixxiplinarji meta kienet għadha fiż-żmien li hija setgħet tagħmel hekk. Ir-rikorrent kompla jgħid li minkejja dan kollu, l-intimata KSI baqgħet tippersisti, anki meta murija korrispondenza mill-*People and Standards Division* u mill-*Public Service Commission,* fejn ingħad li ladarba r-rikorrent kien ħaddiem tal-Gvern, kienu r-regolamenti tal-Kummissjoni għas-Servizz Publiku li japplikaw u mhux il-Ftehim Kollettiv. Qal li b'żieda ma' dan, huwa ġibed l-attenzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina li anke kieku kellu verament japplika l-Ftehim Kollettiv għaċ-ċirkostanzi tiegħu, xorta waħda l-każ kien preskritt *ai termini* tal-istess Ftehim Kollettiv.

4. Ir-rikorrent qal li r-risposta tal-Bord għal dan kienet li huwa kellu jew jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jibbenefika mit-termini tal-Ftehim Kollettiv, jew inkella l-intimata KSI kienet ser tgħaddi għal deċiżjoni mingħajr ma tisma' l-verżjoni tiegħu, u lanqas ma tressqu quddiemha. Qal li huwa ma kellu l-ebda għażla għajr li jitlob il-protezzjoni tal-Qorti permezz tal-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fejn l-intimata KSI ġiet inibita milli tkeċċi jew tittermina x-xogħol tar-rikorrent jew milli b'xi mod tkompli bil-proċess dixxiplinarju fil-konfront tiegħu, jew milli b'xi mod tikkastigah minħabba fl-akkużi maħruġa kontra tiegħu.

5. Ir-rikorrent għalhekk talab lit-Tribunal sabiex wara li jisma' lill-partijiet u l-provi mressqa minnhom, jiddikjara u jiddeċiedi li r-regolamenti tad-dixxiplina applikabbli għalih bħala ħaddiem tal-Gvern li kien *detailed* mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, huma r-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u 'Directive 11' li permezz tagħha ħareġ il-*Manual on Disciplinary Procedures in the Malta Public Service.* Talab ukoll li jiġi ddikjarat li l-akkużi maħruġa kontra tiegħu fis-27 ta' Lulju, 2020, huma nulli għar-raġuni li r-rikorrent ma jistax jiġi dixxiplinat għall-aġir li allegatament seħħ fis-7 ta' Settembru, 2018, *ai termini* preskrittivi tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u 'Directive 11' li permezz tagħha ħareġ il-*Manual on Disciplinary Procedures in the Malta Public Service.* Talab ukoll li jiġi ddikjarat li l-klawsola fl-Appendiċi 3 tal-Ftehim Kollettiv iffirmat bejn il-General Workers Union u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fl-2015, tilledi l-jeddijiet tar-rikorrent bħala ħaddiem tal-Gvern *detailed* mal-Korporazzjoni, u għandha effett diskriminatorju fuqu. Talab ukoll li jiġi ddikjarat li r-rikorrent ġie vvittimizzat mill-Korporazzjoni intimata wara li huwa ilmenta mal-awtoritajiet dwar ipproċessar abbużiv tad-*data* personali tiegħu, b'mod partikolari dwar l-aġir abbużiv tal-Inġinier Riolo. Ir-rikorrent talab ukoll li jiġi dikjarat li l-intimata KSI ddiskriminat kontra tiegħu bi ksur sfaċċat tal-liġijiet applikabbli, kif ukoll naqset li tottempera ruħha mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali bi preġudizzju għar-rikorrent. Talab ukoll lit-Tribunal jordna l-kanċellament *ai termini* tal-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta tal-klawsola fl-Appendiċi 3 tal-Ftehim Kollettiv iffirmat bejn il-General Workers Union u l-intimata KSI fl-2015, stante li din il-klawsola tiddiskrimina bejn ir-rikorrent u ħaddiema oħra tal-Gvern regolati taħt id-Direttiva 11 u l-*Manual on*

*Disciplinary Procedures in the Malta Public Service,* u r-Regolamenti tal-Proċedura ta’ Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Barra minn hekk, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jiddikjara li l-intimata KSI b’mod ġenerali aġixxiet *b’mala fede* fil-konfront tiegħu, inkluż minħabba l-mod kif intużaw il-filmati tas-CCTV biex iżommuh barra mix-xogħol tiegħu għal tul ta’ żmien waqt li kien *sick leave* bla ħlas, u meta stqarret li ser tinvestiga l-ilment tiegħu permezz ta’ bord ta’ investigazzjoni, u m’għamlet xejn minn dan. Ir-rikorrent għalhekk talab lit-Tribunal jillikwida d-danni sofferti minnu konsegwenza tal-aġir abbużiv u diskriminatorju tal-intimata KSI u tal-uffiċjali tagħha, kif ukoll tillikwida kumpens xieraq għaċ-ċirkostanzi li qiegħed jilmenta minnhom ir-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta, filwaqt li tordna lill-intimata KSI tħallas tad-danni u l-kumpens hekk likwidati fi żmien qasir stabbilit mit-Tribunal.

6. L-intimata KSI qalet li r-rikorrent huwa impjegat tal-Gvern u jifforma parti mis-Servizz Pubbliku, u fis-sena 2003, dan kien talab li jiġi *detailed* mal-intimata KSI, u kien ilu *detailed* mal-intimata KSI minn dak iż-żmien. Kompliet tgħid li fis-7 ta’ Settembru, 2018, ir-rikorrent inqabad permezz ta’ filmati, idaħħal terza persuna fuq il-post tax-xogħol, u jagħmel atti mhux xierqa magħha. Qalet li wara talba li saret mir-rikorrent biex jirritorna fl-impjieg mas-Servizz Pubbliku, liema talba saret fis-17 ta’ Settembru, 2018, l-intimata KSI laqgħet it-talba tiegħu. Qalet li dan sar bl-intiża li jekk ir-rikorrent jirritorna għax-xogħol magħha, kienu ser jinbdew proċeduri dixxiplinarji kontra tiegħu għall-azzjonijiet imwettqa minnu. L-intimata KSI qalet ukoll li l-imsemmija proċeduri dixxiplinarji ma kienux inbdew għaliex ir-rikorrent ħareġ fuq *vacation leave* mis-17 ta’ Settembru, 2018 sal-5 ta’ Novembru, 2018, u *b’sick leave* bejn is-6 ta’

Novembru, 2018 u l-31 ta' Marzu, 2020. Qalet li t-talba tar-rikorrent sabiex jirritorna fl-impjieg li huwa kellu qabel dak mal-KSI, ġiet miċħuda mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fid-29 ta' Ottubru, 2018, u r-rikorrent reġa' lura fl-impjieg magħha fl-1 ta' April, 2020.

7. L-intimata KSI spjegat li Ivan Falzon beda l-inkarigu tiegħu bħala Kap Eżekuttiv Uffiċjali tagħha fis-27 ta' Marzu, 2020, u l-proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent ma setgħux jinbdew hekk kif dan daħal għax-xogħol, għaliex sadanittant faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19. Qalet li Ivan Falzon ġie edott mill-fatti tal-każ ftit ġimgħat wara l-ingaġġ tiegħu mal-KSI, u fis-27 ta' Lulju, 2020 dan informa lir-rikorrent permezz ta' ittra, bl-akkużi li kien hemm fil-konfront tiegħu dwar dak li għamel fis-7 ta' Settembru, 2018. Kompliet tgħid li permezz ta' ittra tal-1 t'Awwissu, 2020, ir-rikorrent irrisponda għall-akkużi fil-konfront tiegħu billi kkontesta t-tardività tal-proċeduri. Qalet li Ivan Falzon talab li jiġi maħtur Bord ta' Investigazzjoni li l-kompitu tiegħu jkun li jinvestiga jekk jeżistux raġunijiet *prima facie* sabiex jinbdew proċeduri ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent, u dan *ai termini* tal-klawsola 2.3.1 tal-Appendiċi III tal-Ftehim Kollettiv. Ivan Falzon irrisponda għal din l-ittra permezz ta' ittra tal-11 t'Awwissu, 2020, fejn informa lir-rikorrent bil-ħatra tal-Bord ta' Investigazzjoni. Ir-rikorrent reġa' wieġeb għal din l-ittra permezz ta' ittra tat-13 t'Awwissu, 2020, fejn reġa' rribatta dwar it-teħid ta' kwalunkwe passi dixxiplinarji fil-konfront tiegħu, iżda afferma li l-KSI kellha l-awtorità li tinvestiga. Qalet li l-Bord ta' Investigazzjoni ippreżenta r-rapport tiegħu lil Ivan Falzon, fejn il-Bord ikkonkluda li kien hemm biżżejjed raġunijiet *prima facie* sabiex il-KSI tibda proċeduri ta' dixxiplina kontra r-rikorrent. L-intimata KSI qalet ukoll li permezz ta' ittra ffirmata miċ-*Chairperson* tal-Bord ta' Dixxiplina, Matthew Costa, ir-

rikorrent ġie infurmat li l-proċeduri ta' dixxiplina kellhom jinbdew fit-28 t'Awwissu, 2020. L-intimata KSI qalet li l-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent imxew ġmielhom, u wara li l-KSI ppreżentat il-provi tagħha, kien imiss lir-rikorrent li jressaq il-provi tiegħu. Qalet li minflok ipparteċipa fil-proċeduri billi ppreżenta l-provi tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta mandat ta' inibizzjoni, u sussegwentement intavola l-proċeduri odjerni. L-intimata KSI qalet li r-reat kommess mir-rikorrent, kien wieħed serju u inaċċettabbli, u għalhekk jeżistu raġunijiet validi biex jittieħdu proċeduri dixxiplinarji kontra tiegħu. Qalet li l-iskop ta' dawn il-proċeduri kien sabiex isiru rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u din il-proċedura ma teskludix proċeduri mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jew toħnoq xi dritt tar-rikorrent bħala ħaddiem tas-Servizz Pubbliku. Qalet li l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-klawsola 2.3.1 tal-Appendiċi III tal-Ftehim Kollettiv tikser id-Direttiva 11, ma treġix, għaliex l-imsemmija direttiva daħlet fis-seħħ wara li ġie maqbul u ffirmat il-Ftehim Kollettiv.

8. L-intimata KSI għalhekk eċċepiet li t-talba tar-rikorrent hija preskritta għaliex għadda t-terminu stabbilit fl-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u barra minn hekk fuq bażi preliminari r-rikorrent m'għandux dritt li jirrikorri għall-proċedura kkontemplata fl-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex a tenur tal-artikolu 48 tal-istess Kap. 452, din il-proċedura ma tapplikax għall-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku. Qalet ukoll li l-ġudizzju mhux integru għaliex il-kawża ma ġietx diretta kontra l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u jinkombi fuq ir-rikorrent li jġib prova li tindika b'mod ċar it-tip ta' diskriminazzjoni li huwa jgħid li qiegħed isofri. Qalet ukoll li fil-mertu mhux ikkontestat u mhijiex tiġi eskluża l-applikabilità tar-Regolamenti tal-Proċedura

ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u fil-mertu wkoll, l-intimata KSI tirrespinġi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrent kontra tagħha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. Qalet ukoll li kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jġib prova tad-danni allegati minnu, u hija qiegħda tikkontesta tali danni.

9. Min-naħa tagħha l-intimata GWU eċċepiet li r-rikorrent m'għandux dritt li jirrikorri għall-proċedura kkontemplata fl-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex a tenur tal-artikolu 48 tal-istess Kap. 452, tali proċedura ma tapplikax għall-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku. Qalet ukoll li hija mhijiex leġittima kontradittriċi fil-proċeduri odjerni, għaliex hija mhijiex 'il-prinċipal' tar-rikorrent kif tikkontempla l-proċedura maħsuba fl-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimata GWU eċċepiet ukoll li t-talba tar-rikorrent hija preskritta stante li għadda t-terminu maħsub fl-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u fi kwalunkwe każ il-ġudizzju mhux integru għaliex il-kawża ma saritx ukoll kontra l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, li huwa l-prinċipal tar-rikorrent. Qalet li kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jġib prova li tindika b'mod ċar it-tip ta' diskriminazzjoni li qiegħda sseħħ fil-konfront tiegħu, u kif l-aġir tal-intimata KSI huwa diskriminatorju fil-konfront tiegħu. L-intimata GWU qalet li hija qiegħda tirrespinġi t-talbiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u fi kwalunkwe każ, jinkombi fuq ir-rikorrent li jġib prova tad-danni minnu allegati u qalet li din il-pretensjoni tar-rikorrent qiegħda tiġi kkontestata.

10. Fid-19 ta' Frar, 2021, it-Tribunal ta deċiżjoni preliminari tiegħu dwar l-eċċezzjoni fir-rigward tal-proċeduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina *ai termini* tal-l-Kodiċi dwar l-Immaniġġjar tas-Servizz Pubbliku (PSMC), u li minnhom ir-

rikorrent jista' jappella quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. It-Tribunal iddeċieda li huwa m'għandu l-ebda setgħa li jissindika l-proċeduri interni in kwantu dawn jikkonċernaw uffiċjal pubbliku. It-Tribunal għalhekk laqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimata GWU, iġifieri li huwa m'għandux kompetenza stante li r-rikorrent huwa uffiċjal pubbliku, u għalhekk qies li huwa m'għandux kompetenza li jisma' t-talbiet numri 1, 2, 4, 5, 6, 7, filwaqt li fir-rigward tat-talbiet numri 8, 9 u 10 limitatament għal dak li jikkonċerna l-aġir abbużiv bi ksur tar-regoli ta' dixxiplina, it-Tribunal għandu kompetenza jisma' t-talba numru 3 u t-talbiet numri 8, 9 u 10 limitatament kemm-il darba t-Tribunal jagħti raġun lir-rikorrent fir-rigward tat-tielet talba. It-Tribunal wasal għal din id-deċiżjoni wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"It-Tribunal,*

*Ra l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar, 2021, li permezz tiegħu l-partijiet qablu li għandha tingħata deċiżjoni fuq it-tieni eċċezzjoni tal-intimata General Workers Union u ċioe li dan it-Tribunal ma għandux kompetenza stante li r-rikorrenti huwa Uffiċjal Pubbliku l-kompetenza hija tal-Public Service Commission.*

*Sema' l-partijiet jittrattaw din l-eċċezzjoni fl-istess seduta.*

***<u>Ikkunsidra:</u>***

*Illi t-Tribunal Industrijali skont il-Kap. 452 għandu ġurisdizzjoni speċjali u limitata. Illi jirriżulta ċar minn din il-kwistjoni li l-odjerna kwistjoni ta' xogħol ma tikkonċernax każ ta' tkeċċija inġusta iżda każ ta' proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent Paul Cachia fejn l-istess rikorrent qed jallega li saret inġustizzja miegħu.*

*Jirriżulta wkoll li r-rikorrent Paul Cachia huwa ħaddiem tal-Gvern.*

*Illi l-kwistjoni ta' kompetenza tat-Tribunal Industrijali hija elenkata fl-Artikolu 75 tal-Kap. 452.*
*Illi hemm diversi deċiżjonijiet dwar il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali u dwar il-ġurisdizzjoni esklussiva li għandu t-Tribunal Industrijali. Fid-deċiżjoni, Karmenu Vella vs General Workers Union mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru, 2010 ġie rilevat is-segwenti:*

"Għandu jingħad li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali ġiet konferita bil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta b'deroga għall-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati ordinarji. Għalhekk salv fil-każijiet indikati fil-liġi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap. 452 ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesgħa tant li jiġu estiżi sabiex jinkludu setgħat li l-leġislatur ma indikax fil-liġi għax ma riedx li dawn jidħlu fil-parametri tas-setgħat tat-Tribunal. Fi kliem ieħor il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setgħat li għandu huma dawk espressament indikati fil-liġi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tiegħu." (kawża numru 774/2009/JZM Prim'Awla 30 ta' Settembru, 2010).

*Illi minn dan joħroġ ċar x'inhi l-intenzjoni tal-leġislatur għal dak li jikkonċerna l-poteri tat-Tribunal Industrijali. Illi fil-każ in diżamina r-rikorrent qiegħed jitlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara li kien hemm aġir abbużiv fil-konfront tiegħu u diskriminatorju tal-korporazzjoni u dan dejjem għal dak li jirrigwarda skont hu l-każ ta' dixxiplina fil-konfront tiegħu skont ir-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, dwar il-ftehim kollettiv u dwar il-liġi tal-Protezzjoni tad-Data, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-kwistjoni li kellu r-rikorrent ma tinkwadrax fil-parametri tal-Kap. 452. It-Tribunal Industrijali minn dak li hemm stipulat f'Kap. 452 ma għandux l-ebda setgħa li jiddeċiedi jew jissindika d-deċiżjoni tal-Korporazzjoni li r-rikorrent jidher quddiem Bord dixxiplinari.*

*Illi l-artikolu 75 tal-Kap. 452 jispeċifika bl-aktar mod ċar x'inhi l-kompetenza jew il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u ċioe l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u l-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu; għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega l-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titolu I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:*

*Illi din il-kwistjoni ta' xogħol ma hijiex dwar tkeċċija inġusta u inoltre r-rikorrent qatt ma tkeċċa mix-xogħol tiegħu. Il-Korporazzjoni għandha kull dritt li tadopera l-proċedura li hija regolat biha s-Servizz Pubbliku u l-istess rikorrent għandu ukoll id-drittijiet kollha li huma sanċiti f'dawn il-proċeduri interni ċioe l-Kodiċi dwar l-Immaniġġjar tas-Servizz Pubbliku (PSMC).*

*Inoltre ai termini tal-artikolu 80(2) tal-istess Kap, meta xi ħaġa quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar uffiċjali pubbliċi t-Tribunal għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' kull ħaġa li taqa' taħt il-funzjonijiet ta' dik il-Kummissjoni.*

*Illi r-rikorrent qed jikkontendi li huwa qed jinvoka wkoll id-diskriminazzjoni bħala lanjanza oħra tiegħu iżda t-tielet talba tiegħu tali lanjanza ma hijiex fil-konfront tal-*

employer *tiegħu iżda tirrigwarda l-ftehim kollettiv bejn il-General Workers Union u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.*

*Illi dwar din it-tielet talba tiegħu r-rikorrent għandu raġun jgħid li din taqa' taħt il-Kap. 452 u Titolu I tal-Kap. 452 jelenka trattament diskriminatorju dejjem jekk jirriżulta li tali ftehim kollettiv japplika fil-grad tiegħu u bħala uffiċjal pubbliku.*

*Illi dan it-Tribunal qed jagħmilha ċara li din is-sentenza preliminari tirrigwarda l-eċċezzjoni dwar proċeduri quddiem il-Bord tad-Dixxiplina ai termini tal-PSMC u li dan kif jirriżulta mir-rikors tar-rikorrent u li minnhom huwa jista' jappella quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, u għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal Industrijali ma għandu l-ebda setgħa mogħtija lilu mil-liġi sabiex jissindika dawn il-proċeduri interni li tikkonċerna uffiċjal pubbliku.*

*Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din il-kwistjoni ta' xogħol billi jilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimata General Workers Union u ċioe li dan it-Tribunal ma għandux kompetenza stante li r-rikorrent huwa Uffiċjal Pubbliku l-kompetenza hija tal-Public Service Commission u jiddikjara li ma għandux kompetenza sabiex jisma' t-talbiet tar-rikorrent numru 1, 2, 4, 5, 6, 7 u għar-rigward it-talbiet numru 8, 9 u 10 limitatament kemm-il darba jinstab li dan it-Tribunal jagħti raġun lir-rikorrent fir-rigward tat-talba numru 3."*

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

11. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 2023, it-Tribunal Industrijali iddeċieda billi laqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċaħad it-talbiet numri 3, 8, 9 u 10 tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"It-Tribunal,*

*Din hija deċiżjoni dwar it-talba numru 3 tar-rikorrent ċioe sabiex dan it-Tribunal jiddeċiedi li l-klawsola misjuba fl-Appendiċi 3 tal-ftehim kollettiv iffirmat bejn il-General Workers Union u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fis-sena 2015 jilledi l-jeddijiet tar-rikorrent qua ħaddiem tal-Gvern* detailed *mal-Korporazzjoni u għandha effett diskriminatorju fuq l-istess.*

*Illi fis-seduta tal-15 ta' Settembru, 2023 il-partijiet qablu li d-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal għandha tkun fuq it-talbiet 3, 8, 9 u 10 tar-rikorrent u r-rikorrent żamm id-dritt li jappella mid-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal mogħtija fid-19 ta' Frar, 2021.*

*Deċiżjoni preliminari tad-19 ta' Frar, 2021.*

*Ra d-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal tad-19 ta' Frar, 2021 a fol. 169 et li permezz tagħha dan it-Tribunal kif presedut iddeċieda billi:*

1. *Laqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Union intimata li dan it-Tribunal ma għandux kompetenza jisma' t-talbiet tar-rikorrent numru 1, 2, 4, 5, 6 u 7 stante li r-rikorrent huwa uffiċjal pubbliku u l-kompetenza hija tal-Public Service Commission u mhux ta' dan it-Tribunal;*
2. *Li għandu kompetenza jisma' u jiddeċiedi t-talba numru 3 tar-rikorrent;*
3. *Li għandu kompetenza jiddeċiedi t-talbiet numru 8, 9 u 10 limitatament kemm-il darba dan it-Tribunal jilqa' t-talba numru 3 tar-rikorrent.*

***Provi***

*Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tal-partijiet u d-dokumenti minnhom esebiti.*

*Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju, 2021 a fol. 178 li permezz tagħha r-rikorrent irrilevat li għar-rigward it-talba numru 3 huwa ma għandux aktar provi.*

*A fol. 185 xehed Kendrick Bondin, Segretarju Taqsima Gvern u Entitajiet Pubbliċi mal-General Workers Union u spjega li huwa ma kienx involut fil-ftehim kollettiv li kien sar bejn il-General Workers Union u l-Korporazzjoni intimata għall-perijodu li jagħlaq fis-sena 2018 iżda kien involut f'dak li huwa għall-perijodu mis-sena 2019 sas-sena 2024. Huwa spjega li Appendiċi 3 jagħmel referenza għall-Kodiċi ta' Dixxiplina u li għar-rigward il-klawsola fejn tidħol il-kodiċi ta' dixxiplina huma straħu fuq il-ftheim kollettiv li kien hemm qablu għajr xi emendi żgħar. Huwa spjega li l-ewwel klawsola ta' tali Kodiċi saret bil-kunsens tal-IRU u l-OPM fejn tgħidlek li ħaddiema li jkunu tal-Water Services inklużi dawk li jkunu* detailed *u hekk ikunu suġġett għall-*collective agreement *għad-drittijiet u responsabbiltajiet tiegħu. U li persuni li jkunu* detailed *u* on loan *ikollhom id-dritt li jirrivertjaw lura fis-servizz pubbliku. Dwar il-Kodiċi ta' dixxiplina huwa xehed li dan huwa applikabbli għall-Korporazzjoni intimata li teżerċita dan il-Kodiċi ta' dixxiplina b'mod ugwali għal kulħadd iżda l-Public Service Commission xorta għandha l-fakultà li wara li tara l-miżura ta' dixxiplina meħuda mill-Korporazzjoni xorta għandha l-fakoltà li tieħu passi ta' dixxiplina hi.*

*Huwa spjega li llum il-ġurnata ħaddiema li jkunu fiċ-Ċivil li jmorru jaħdmu ma' awtorità jew korporazzjoni tal-Gvern, qed jiġu msejħa* 'detailed' *u mhux* 'seconded' *u li* seconded *issir aktar bejn dipartimenti taċ-Ċivil. Bondin jagħmilha ċara li ħaddiem li*

*jkun* detailed *ma' entità oħra jibbenefika kemm mid-drittijiet u dmirijiet tal-*Collective Agreement *u li dan joħroġ mill-*Public Administration Act *u li għalhekk sakemm wieħed huwa* detailed *huwa jrid joqgħod għal dan il-Kodiċi ta' Dixxiplina u meta jerġa' jmur lura maċ-Ċivil huwa jkun suġġett għall-Public Service Commission.*

*In kontro-eżami meta muri l-email tal-*Public Service Commission *a fol. 30 fejn ċertu Natasha Magro* Compliance Officer *infurmatu li r-rikorrent la huwa impjegat mas-servizz pubbliku u* his/her disciplinary case has to be processed in terms of the Public Service Commission Disciplinary Regulations 2017, *ix-xhud wieġeb li ma jafx biha u kellu jivverifika.*

*A fol. 197 xehed Thomas Woods,* Head tal-Industrial Relations Unit *ġewwa l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u meta mistoqsi huwa spjega li meta impjegat ikun detailed ġewwa entità pubblika jibbenefika mill-kundizzjonijiet kollha ta' dik l-entità – ħinijiet tax-xogħol, benefiċċji bħal salarji aħjar,* insurances*, jibbenefika wkoll minn dawk u għar-rigward ta' dixxiplina dawn jaqgħu taħt ir-regoli ta' dixxiplna ta' dik l-entità. Li huwa qua* Industrial Relations *jaraw li r-regoli ta' dixxiplina jkunu jixbħu jekk mhux identiċi għal dawk tal-*Public Service Commission*. Huwa spjega li dan il-*collective agreement *jafu sew għax għandu wieħed mill-*Managers *tiegħu jattendi għan-negozjati dwar il-*collective agreement *u jinfurmah b'dak li jkun qed jiġri.*

*Meta muri Dok. 7 a fol. 32 l-ewwel faċċata tal-ftehim kollettiv ippreżentat mir-rikorrent huwa wieġeb li huwa jaf dwaru u dan li dak huwa ta' qabel li hemm fis-seħħ illum u fol. 33 jirreferi għall-Appendix 3 tal-istess ftehim, Woods wieġeb li issues ta' dixxiplina tkoprihom il-korporazzjoni kemm fir-rigward tal-ħaddiema tagħha kif ukoll għar-rigward tal-ħaddiema* detailed *magħha. Huwa spjega li d-dixxiplina għalihom hija ċara kemm fid-diskussjonijiet mal-*union *u mal-*management*. L-impjegat* detailed *ikollu paga aħjar u jkollu kodiċi ta' dixxiplina u li huma joqogħdu ħafna attenti li l-*collective agreement *ma jkunx anqas favorevoli għall-impjegat li jkun* detailed *tant li tali kodiċi jiġi konsultat mal-*Public Service Commission *u jkun jixbaħ ħafna l-PSC bit-*time frames *b'kollox.*

*Meta mistoqsi minn dan it-Tribunal, impjegat li jkun* seconded *jistax jagħżel taħt liema kodiċi ta' dixxiplina għandu jiġi deċiż il-każ tiegħu jekk hux dak tal-*Public Service *Commission jew tal-ftehim kollettiv, Woods li ma jistax u li l-uniku mod li jista' jmur il-PSC huwa jekk jagħmel xi ħaġa severa u jiġi mkeċċi meta l-Korporazzjoni tista' titlob li jiġi revokat id-*detailing*. Tant li l-Korporazzjoni tista' tkeċċih permezz ta'* revocation *minn magħha iżda mhux minn mal-Gvern.*

*In kontro-eżami Woods intalab jispjega kif tali proċedura tirrikonċilja ma' dak li tgħid Directive 11 u mal-liġi sussidjarja maħruġa u t-Tribunal intervjena u informa lill-avukat tar-rikorrent li dak jarah dan it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu.*

*Woods qabel li impjegat tal-Gvern huwa regolat bil-liġijiet sussidjarji tal-Kostituzzjoni; mistoqsi minn fejn joħroġ li għandhom il-poter jiffirmaw ftehim kollettiv Woods wieġeb li dan joħroġ mill-Gazzetta tal-Gvern fejn il-Prim Ministru jagħti poter lis-CEO jew xi membri tal-*management *biex jimmeniġġjaw l-impjegati u imbagħad jiffirmaw* collective agreement *li jirregola l-kundizzjonijiet ta' dik l-entità. Huwa kompla li huwa mgħallem li kull* collective agreement *li jiffirmaw ma'* union *huwa dokument legali. Huwa jaqbel li l-impjegati taċ-Ċivil li jkunu* detailed *huma suġġetti u dixxiplinati skont ir-regolazzjoni tal-liġi sussidjarja tal-Kostituzzjoni u li infatti huma hekk jagħmlu.*

*Mistoqsi kif jista' jgħid li ħaddiem* detailed *ikollu imparzjalità li toħroġ mill-bord ta' dixxiplina skont l-imparzjalità tal-*Public Service Commission*, Woods wieġeb li fil-*collective agreement *ikun hemm kif għandu jkun kompost il-bord u l-bord dejjem ikun imparzjali. F'dan il-waqt l-avukat tar-rikorrent a fol. 209 baqa' jinsisti li d-dixxiplina fil-ftehim kollettiv mhux regolata kif id-Directive 11* [sic!].

*A fol. 225 kompla jixhed Thomas Woods, u spjega li l-IRU hija parti mill-*People and Standards Division *jiġifieri jirrappurtaw lill-*Permanent Secretary *li tiegħu ħsieb il-*People and Standards *ġewwa l-OPM. Meta muri l-emails a fol. 28 li huma żewġ skambji wieħed mal-*People and Standards *u wieħed mal-*Public Service Commission *huwa wieġeb li ma jafx bihom. Huwa reġa' tenna li huwa kien involut fil-*collective agreement *tal-Water Services Corporation u xehed ukoll li hemm* directive 7 *li tagħti poter lill-IRU biex jidħol flimkien mal-*management *tal-entitajiet biex jinnegozja l-*collective agreement *f'isem entità. Woods baqa' jikkontendi li d-dixxiplina tiġi delegata lill-entità. Huwa ma jaqbilx meta mistoqsi li l-entità trid timxi mar-regoli ta'* Directive 11*. Meta reġa' mistoqsi dwar l-emails a fol. 28 li skont l-avukat tar-rikorrent dawn jgħidu bil-kontra ta' dak li xehed Woods, Woods xehed li ma jafx bihom dawk l-emails.*

*A fol. 229 ir-rikorrent iddikjara li ma għandux aktar provi dwar it-tielet talba tiegħu u jonqsu jġib il-provi fuq danni.*
*A fol. 232 ir-rikorrent ippreżenta* affidavit *b'diversi dokumenti sabiex jipprova d-danni minnu subiti. F'dan l-*affidavit *huwa xehed li:*

*Fis-6 ta' Mejju, 1991 huwa beda l-impjieg tiegħu mal-*Ministry for Transport, Infranstructure & CA*;*

*Fl-1 ta' Ottubru, 2003 ġie* detailed *mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma;*

*F'Settembru 2017 kellu inċident waqt il-ħin tax-xogħol u li konsegwenza ta' dan kellu jagħmel ilment mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u Data;*

*Fil-5 ta' Marzu, 2020 huwa informa lill-Korporazzjoni li kien irreġistra dan l-ilment;*

*Fid-9 ta' Marzu, 2020 il-Korporazzjoni infurmatu li xtaqet tasal għal kompromess;*

*Fl-1 ta' April, 2020 huwa rrapporta lura għax-xogħol wara li kien ilu nieqes mis-6 ta' Novembru, 2018;*

*Fil-31 ta' Lulju, 2020 saret laqgħa bejn il-partijiet u l-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-Data u kollox kien jindika li kien ser jintlaħaq ftehim;*

*Fis-27 ta' Lulju, 2020 il-Korporazzjoni ħarġet ittra bl-akkuża kontra tiegħu liema akkużi huwa jsejjaħ akkużi fażulli.*

*Li dawn il-kwistjonijiet allegatament seħħew fis-7 ta' Settembru, 2018.*

*Li huwa oġġezzjona għall-mod kif ittieħdu l-proċeduri ta' dixxiplina kontra tiegħu għax skont hu tali proċeduri kellhom isiru mhux abbażi tal-ftehim kollettiv kif ġara f'dan il-każ iżda skont ir-regolamenti applikabbli għall-uffiċjali pubbliċi ċioe quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku;*

*Huwa intavola mandat ta' inibizzjoni sabiex il-Korporazzjoni ma tkeċċihx jew titterminalu x-xogħol jew tkompli bil-proċess dixxiplinarju rigward dawn l-akkużi, liema mandat ġie milqugħ.*

*Fid-9 ta' Diċembru, 2021 huwa telaq minn mal-Korporazzjoni u reġa' mar lura l-Cleansing and Maintenance Division tal-Gvern b'paga anqas ta' kważi Euro 1000 milli kien jaqla' mal-Korporazzjoni.*

*Ir-rikorrenti jikkontendi a fol. 234 li kieku ma ġiex iffirmat il-ftehim kollettiv bejn il-Korporazzjoni u l-General Workers Union l-akkużi tiegħu kienu jkunu skont ir-regolament tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.*

***Eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta***

*F'din l-eċċezzjoni l-Korporazzjoni intimata fl-ewwel eċċezzjoni tagħha a fol. 104 u l-union intimata fit-tielet eċċezzjoni tagħha, l-intimati qed jeċċepixxu li l-azzjoni hija preskritta stante li għadda t-terminu stabbilit fl-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Huma jikkontendu li:*

*Ir-rikorrent intavola dawn il-proċeduri fit-18 ta' Diċembru, 2020;*

*Li l-ftehim kollettiv iffirmat fis-sena 2015;*

*Li r-rikorrent kien* detailed *mal-korporazzjoni intimata sa mis-sena 2003;*

*Li għalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti kellu jagħmilha fi żmien erba' xhur mindu daħal fis-seħħ il-ftehim kollettiv ċioe mis-sena 2015 u mhux fit-18 ta' Diċembru, 2020;*

*Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jikkontendi li:*

*Il-ftehim kollettiv daħal fis-seħħ fis-sena 2015;*

*Li l-ftehim kollettiv skada fis-sena 2018 iżda baqa'* in vigore *sakemm ġie ffirmat ftehim ieħor għall-perijodu bejn 2019 sa 2014* [sic!] li *għandu wkoll l-istess klawsola misjuba fl-Appendiċi tal-ftehim kollettiv li daħal fis-seħħ 2015;*

*Meta ġew intavolati dawn il-proċeduri mir-rikorrent fit-18 ta' Diċembru, 2020 din il-klawsola kienet għadha effettiva għall-ħaddiema kollha li jaħdmu mal-Korporazzjoni intimata inkluż dawk li ġew* detailed *minn mal-Gvern inkluż ir-rikorrent;*

*Li l-ksur lamentat għandu jitqies li huwa ksur ta' natura kontinwata u li għalhekk it-terminu ta' 4 xhur ma kellux jgħaddi sakemm il-klawsola tibqa' fis-seħħ. U jirreferi għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fir-rigward fit-28 ta' Jannar, 2008 fil-kawża fl-ismijiet Grezzju Azzopardi vs Public Broadcasting Services Limited u li fiha l-Qorti stabbiliet li sakemm tibqa' għaddejja d-diskriminazzjoni dan għandu jitqies bħala ksur ta' natura kontinwata. Ir-rikorrent jikkontendi wkoll li ż-żmien li l-partijiet ippruvaw jaslu fi ftehim li skont hu anke dan il-perijodu jinterrompi l-preskrizzjoni.*

*Mill-provi prodotti jirriżulta dan li ġej:*

*Ir-rikorrenti huwa impjegat fis-Servizz Pubbliku sa mis-6 ta' Mejju, 1991 eżattament mal-*Ministry for Transport, Infrastructure & CA *il-Furjana;*

*F'Ottubru 2003 huwa ġie* detailed *mal-Korporazzjoni intimata;*

*Il-ftehim kollettiv bejn il-korporazzjoni intimata u l-*General Workers Union *daħal fis-seħħ fis-sena 2015;*

*Li l-ftehim kollettiv skada fis-sena 2018 iżda baqa'* in vigore *sakemm ġie ffirmat ftehim ieħor għall-perijodu bejn 2019 sa 2014* [sic!] *li għandu wkoll l-istess klawsola misjuba fl-Appendiċi tal-ftehim kollettiv li daħal fis-seħħ fis-sena 2015;*

*Fis-7 ta' Settembru, 2017 ir-rikorrent kien involut f'investigazzjoni fir-rigward ta' avvenimenti li ġraw fil-ħin tax-xogħol ċioe li nqabad minn filmati tas-sigurtà jdaħħal mingħajr awtorizzazzjoni, terza persuna fuq il-post tax-xogħol bl-allegazzjoni li dan ġie segwit b'atti mhux xierqa fuq il-post tax-xogħol.*

*Fis-17 ta' Settembru, 2018 huwa talab lill-Inġinier Stefan Riolo Direttur* (Resourcing) Public Administration HR office *fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex jerġa' jmur lura fiċ-Ċivil.*

*It-talba tiegħu ġiet miċħuda u r-rikorrent ħareġ fuq* vacation leave *mis-17 ta' Settembru, 2018 sal-5 ta' Novembru, 2018 u wara bis-*sick leave *sal-31 ta' Marzu, 2020.*

*Fl-1 t'April, 2020 ir-rikorrent irritorna lura għax-xogħol mal-Korporazzjoni.*

*Fis-27 ta' Lulju, 2020 ir-rikorrent ġie avżat li kienu ser jittieħdu proċeduri ta' dixxiplina kontra tiegħu a fol. 108;*

*Fl-1 t'Awwissu, 2020 ir-rikorent irrisponda għall-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u kkontesta t-tardività tal-proċeduri. Il-Korporazzjoni tikkontendi li ladarba r-rikorrent kien fuq* leave *u* sick leave *hija ma setgħetx tieħu proċeduri kontra tiegħu.*

*Fil-11 t'Awwissu, 2020 ir-rikorrent ġie infurmat li ser jinħatar Bord ta' Investigazzjoni u dan skont il-ftehim kollettiv klawsola 2.3.1 Appendiċi III tal-ftehim kollettiv.*

*Fit-13 t'Awwissu, 2020 ir-rikorrent jirribatti t-teħid ta' kwalunkwe passi dixxiplinarji permezz tal-avukat tiegħu u talab medjazzjoni.*

*Il-Bord fil-25 t'Awwissu, 2020 ikkonkluda li kien hemm provi* prima facie *sabiex il-Korporazzjoni tibda proċeduri ta' dixxiplina kontra r-rikorrent.*

*Fil-25 t'Awwissu, 2020 ir-rikorrent ġie infurmat mill-Korporazzjoni li l-ewwel seduta quddiem il-Bord ta' Dixxiplina kienet ser issir fit-28 t'Awwissu, 2020 u li kellu aċċess tal-filmat tal-inċident in kwistjoni.*

*Bdew jinstemgħu l-provi quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.*

*Iżda ġara li r-rikorrent intavola mandat ta' inibizzjoni liema mandat (mandat 1615/2020/1) ġie milqugħ mill-Qorti u dan il-mandat ġie milqugħ* [sic!]. *Mill-atti tal-qorti jirriżulta li l-mandat ġie intavolat mir-rikorrent fis-17 ta' Novembru, 2020 u milqugħ fl-10 ta' Diċembru, 2020.*

*Fit-18 ta' Novembru, 2020 ir-rikorrent intavola dawn il-proċeduri quddiem dan it-Tribunal.*

*Fid-9 ta' Diċembru, 2021 ir-rikorrent jerġa' jmur lura mas-Servizz Pubbliku.*

*Illi għar-rigward jekk it-talba numru 3 tar-rikorrent hija preskrizzjoni skont l-artikolu 30(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, dan it-Tribunal jirrileva dan li ġej:*

*It-talba numru 3 tar-rikorrent hija sabiex dan it-Tribunal jiddeċiedi li l-klawsola misjuba fl-Appendiċi 3 tal-ftehim kollettiv iffirmat bejn il-*General Workers Union *u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fis-sena 2015 jilledi l-jeddijiet tar-rikorrent qua ħaddiem tal-Gvern* detailed *mal-Korporazzjoni u għandha effett diskriminatorju fuq l-istess.*

*<u>L-artikolu 30(1) tal-Kap. 452</u> tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha tassattiva li l-persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser jew li l-kondizzjonijiet tal-impjieg ikunu jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 jista' fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa.*

*Jiġi rilevat li l-Qrati tagħna jirritjenu li l-artikolu 30(1) jistipula li fil-każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg żmien utili għall-preżentata tal-ilment mill-ksur allegat. (vide fost oħrajn sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inf. Albert Cassar vs Enemalta Corporation et per Imħ. Mintoff 26 ta' Lulju, 2023).*

*F'dan il-każ ir-rikorrent qed jikkontendi li ġialadarba huwa ġie* detailed *mal-Korporazzjoni intimata qabel ma ġie ffirmat il-ftehim kollettiv, għandhom japplikaw ir-regolamenti tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fil-każ ta' dixxiplina li hemm kontra tiegħu u mhux il-Ftehim Kollettiv.*

*Li għalhekk jirriżulta ċar li l-ilment tar-rikorrent huwa ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu liema ksur huwa kien jaf bihom żgur fis-27 ta' Lulju, 2020 meta fl-ittra tal-1 t'Awwissu, 2020 fol. 109 l-avukat tiegħu informa lill-Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni intimata li l-klijent tiegħu kien irċieva l-ittra tas-27 ta' Lulju, 2020 tinfurmah li kienu ser jittieħdu proċeduri dixxiplinari skont klawsola 2.3. Kodiċi ta' Dixxiplina u proċeduri dixxiplinarji tal-ftehim kollettiv viġenti.*

*Dan ifisser li fl-1 t'Awwissu, 2020 ir-rikorrent kien jaf żgur x'fih dan il-ftehim kollettiv tant li fl-istess ittra huwa jagħmel diversi drabi referenza għall-kontenut ta' dan il-ftehim kollettiv.*

*Fit-talba numru 3 r-rikorrent qed jikkontendi li l-klawsola misjuba fl-Appendiċi 3 tal-ftehim kollettiv iffirmat bejn il-General Workers Union u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fis-sena 2015 jilledi l-jeddijiet tar-rikorrent qua ħaddiem tal-Gvern* detailed *mal-Korporazzjoni u għandha effett diskriminatorju fuq l-istess.*

*Li għalhekk jidher ċar li r-rikorrent qed jikkontendi li hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu u diskriminazzjoni li kollha huma milquta bil-preskrizzjoni ta' erba' xhur skont l-artikolu 30(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*F'dan il-każ ir-rikorrent qed jikkontendi li ġialadarba huwa ġie* detailed *mal-Korporazzjoni intimata qabel ma ġie ffirmat il-ftehim kollettiv, għandhom japplikaw ir-regolamenti tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fil-każ ta' dixxiplina li hemm kontra tiegħu u mhux il-ftehim kollettiv.*

*Li għalhekk jirriżulta ċar li l-ilment tar-rikorrent huwa ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu liema ksur huwa kien jaf bih żgur fis-27 ta' Lulju, 2020 meta fl-ittra tal-1 t'Awwissu, 2020 fol. 109 l-avukat tiegħu informa lill-Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni intimata li l-klijent tiegħu kien irċieva l-ittra tas-27 ta' Lulju, 2020 tinfurmah li kienu ser jittieħdu passi dixxiplinarji skont klawsola 2.3 Kodiċi ta' Dixxiplina u proċeduri dixxiplinarji tal-ftehim kollettiv viġenti.*

*Dan ifisser li fl-1 t'Awwissu, 2020 ir-rikorrent kien jaf żgur x'fih dan il-ftehim kollettiv tant li fl-istess ittra huwa jagħmel diversi drabi referenza għall-kontenut ta' dan il-ftehim kollettiv.*

*Fit-talba numru 3 r-rikorrent qed jikkontendi li l-klawsola misjuba fl-Appendiċi 3 tal-ftehim kollettiv iffirmat bejn il-*General Workers Union *u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fis-sena 2015 jilledi l-jeddijiet tar-rikorrent qua ħaddiem tal-Gvern* detailed *mal-Korporazzjoni u għandha effett diskriminatorju fuq l-istess.*

*Li għalhekk jidher ċar li r-rikorrent qed jikkontendi li hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu u diskriminazzjoni li kollha huma milquta bil-preskrizzjoni ta' erba' xhur skont l-artikolu 30(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Jiġi rilevat li dan mhux każ fejn id-diskriminazzjoni allegata hija waħda ta' natura kontinwata iżda dan huwa każ fejn id-diskriminazzjoni allegata hija allaċjata ma' każ wieħed ċioe dak ta' proċedura ta' dixxiplina kontra r-rikorrent. Dan ukoll ġie kkonfermat fis-sentenza tal-***Qorti tal-Appell Sede Inferjuri per Imħ. Philip Sciberras fl-ismijiet Grezzju Azzopardi vs Public Broadcasting Services Limited deċiża fit-28 ta' Jannar, 2008** *fejn il-Qorti tal-Appell spjegat din id-differenza:*

"Huwa sintomatiku f'materja ta' ksur bħal dan illi min-natura stess tiegħu ma jistax jiġi allaċċjat ma' xi data effettiva in kwantu jekk l-appellanti, kif allegat, ikompli jissubixxi l-istess trattament differenzjali u jissokta jirċievi rata ta' rimunerazzjoni inferjuri għal xogħol ta' valur ugwali, komparat ma' ħaddiema oħra fl-istess klassi, tali ksur ma jistax ħlief jitqies wieħed li, kif kwalifikat mill-każistika Ingliża ċitata."

*Li għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiei li fl-1 t'Awwissu, 2020 ir-rikorrent kien jaf żgur fhiex kien jikkonsisti dan il-ftehim kollettiv; li huwa intavola dawn il-proċeduri fil-21 ta' Diċembru, 2020 u li għalhekk oltre l-erba' xhur imposti mill-artikolu 30(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta u jiċħad it-talbiet 3, 8, 9 u 10 tar-rikorrent."*

## **L-Appell**

12. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrent fis-7 ta' Novembru, 2023, huwa talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tad-19 ta' Frar, 2021 fl-ismijiet premessi; tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tas-27 ta' Ottubru, 2023 fl-ismijiet premessi; tiddikjara li t-talbiet tiegħu kollha jinkwadraw ruħhom fil-kompetenza tat-Tribunal, u saru entro t-termini rikjesti mil-liġi; tordna li l-każ għandu jmur lura quddiem it-Tribunal sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jressqu l-provi kollha u t-Tribunal ikun jista' jiddeċiedi fuq it-talbiet tar-rikorrent; kif ukoll sabiex din il-Qorti tagħti dawk il-provvedimenti u ordnijiet li jidhrilha opportuni sabiex l-aggravji tal-appellant imressqa f'dan l-appell jiġu milqugħa.

13. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat biż-żewġ deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal Industrijali, u għalhekk l-appell tiegħu huwa maħsub biex jolqot iż-żewġ deċiżjonijiet. L-appellant reġa' ta elenku tal-fatti li wasslu għall-appell odjern, u spjega li huwa ilu impjegat mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura mis-6 ta' Mejju, 1991, imma fl-1 ta' Ottubru, 2003 huwa ġie *detailed* mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma skont l-artikolu 38 tal-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Qal li f'Settembru tal-2017 kien sar rapport minn impjegat ieħor tal-KSI fil-konfront tiegħu, u huwa ġie suġġettat għal investigazzjoni dwar avvenimenti li allegatament seħħew waqt il-ħin tax-xogħol tiegħu, liema avvenimenti allegatament inqabdu minn kameras tas-

sigurtà. L-appellant qal li huwa ġie msejjaħ biex jattendi laqgħa ma' tliet uffiċjali tal-KSI, u ġie suġġerit lilu li jitlob revoka tad-*detailing,* u ġie mhedded li jekk ma jagħmilx hekk, il-filmat kien ser jispiċċa fil-media. Qal li għalhekk huwa għamel talba sabiex jirritorna fl-impjieg mas-Servizz Pubbliku. L-appellant qal li din it-talba tiegħu ġiet rifjutata, u għalhekk huwa ħareġ bil-*vacation leave,* u wara fuq *sick leave* fuq suġġeriment li kien sarlu, għaliex ma riedx li l-filmat in kwistjoni jiġi imxandar. Qal li minkejja li dak iż-żmien huwa ma kien qiegħed jirċievi l-ebda ħlas għaliex il-*paid sick leave* kien spiċċalu, huwa baqa' barra sal-31 ta' Marzu, 2020 minħabba f'din it-theddida. L-appellant spjega li huwa kien għamel ilment mal-Ombudsman, iżda sussegwentement irċieva telefonata mingħand l-Inġinier Riolo li reġa' fakkru fil-filmat, u għalhekk huwa rtira dan l-ilment. L-appellant qal li fid-29 ta' Jannar, 2020 saret laqgħa mal-KSI sabiex huwa jkun jista' jeżamina d-dokumenti u/jew *data* personali li din kellha dwaru, u l-uffiċjali tal-KSI kkonfermaw li sa dakinhar ma kien hemm l-ebda akkużi jew proċeduri dixxiplinarji effettivi kontra tiegħu, iżda riedu jikkonfermaw dan mal-*management.* L-appellant qal li fis-26 ta' Frar, 2020, l-appellata KSI nfurmatu li kienet qiegħda tipproċessa s-CCTV footage li jikkonċerna lilu, iżda li ma kinitx lesta tqiegħed il-filmat għad-dispożizzjoni tiegħu, għalkemm infurmatu wkoll li dan il-*footage* kien ser ikun għad-disposizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina f'każ li jinbdew proċeduri dixxiplinarji kontra tiegħu. L-appellant qal li fil-5 ta' Marzu, 2020, huwa nforma lill-appellata KSI li kien irreġistra ilment mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-*Data* dwar ir-risposta li ngħata, u fid-9 ta' Marzu, 2020 l-appellata KSI kkomunikat ix-xewqa tagħha li jintlaħaq kompromess dwar dawn il-filmati, tant hu hekk li kienet saret medjazzjoni quddiem il-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-

*Data.* Qal li fl-1 ta' April, 2020 huwa rrapporta għax-xogħol wara li kien ilu nieqes mis-6 ta' Novembru,2018, u meta daħal lura l-KSI allokatlu numru ta' doveri.

14. L-appellant qal li fil-31 ta' Lulju, 2020 kienet saret laqgħa bejn il-partijiet taħt l-awspiċji tal-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-*Data* u kollox kien jindika li kien ser jintlaħaq ftehim bonarju fuq il-kwistjonijiet kollha li kien hemm pendenti bejn il-partijiet. Iżda ġara li f'dik il-laqgħa reġa' ssemma isem l-Inġinier Riolo bħala l-persuna li kien hedded lill-appellant. Qal li hekk kif il-*management* sar jaf bit-theddida li kienet saritlu, dan abbanduna t-triq tal-medjazzjoni u f'daqqa waħda beda jiġi allegat li l-ftehim kien li kienu ser jinbdew proċeduri dixxiplinarji kontra l-appellant hekk kif dan jirritorna lura x-xogħol. L-appellant qal li mhux minnu li kien hemm xi ftehim ta' din ix-xorta. Qal li kien f'dan il-mument li huwa ġie nfurmat li kienu ser jinbdew proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu, u l-*footage* ma kienx ser jitħassar, kif kien ġie miftiehem li kellu jsir fil-laqgħa ta' medjazzjoni li saret. Qal li minkejja t-twissijiet tiegħu sabiex l-appellata KSI ma tivvittimizzahx, il-Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni kien kitiblu li ser jittieħdu passi dixxiplinarji kontra tiegħu abbażi tal-klawsola 2.3 tal-Ftehim Kollettiv li tirregola *gross misconduct.* L-appellant qal li riżultat tal-investigazzjoni li saret, fis-27 ta' Lulju, 2020 inħarġu akkużi kontra tiegħu, dwar kwistjonijiet li allegatament seħħew fis-7 ta' Settembru, 2018, jiġifieri kważi sentejn wara. Qal li minkejja l-oġġezzjonijiet tiegħu, l-appellata KSI baqgħet għaddejja bil-proċess dixxiplinarju kontrih, tant hu hekk li l-proċeduri tkomplew anki waqt li huwa kien fuq *injury leave.* Qal li waħda mill-oġġezzjonijiet tiegħu kienet li l-proċeduri ma kienux in regola ma' dak ikkontemplat fil-liġi u fil-manwali applikabbli, u huwa insista li bħala impjegat tal-Gvern, kienet il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku li hija l-awtorità li tiddetermina kwistjonijiet

dixxiplinarji li jikkonċernaw ħaddiema tal-Gvern. L-appellant qal li huwa ġibed l-attenzjoni tal-bord tad-dixxiplina li anki jekk tassew japplika l-Ftehim Kollettiv għaċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu, il-każ xorta waħda huwa preskritt *ai termini* tal-istess Ftehim Kollettiv. L-appellant qal li r-risposta tal-Bord għal dan kienet li huwa kellu jew jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jibbenefika mit-termini applikabbli tal-Ftehim Kollettiv, jew inkella l-KSI kienet ser tgħaddi għal deċiżjoni mingħajr ma tkun għadha semgħet il-verżjoni tiegħu, u lanqas ma jkunu tressqu l-provi tiegħu f'dan ir-rigward. Qal li kien għalhekk li huwa talab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fejn l-appellata KSI ġiet inibita milli tkeċċih u titterminalu x-xogħol tiegħu jew milli tkompli bil-proċess dixxiplinarju kontra tiegħu jew milli b'xi mod tikkastigah.

15. B'riferiment għas-sentenza preliminari tad-19 ta' Frar, 2021, l-appellant qal li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li ma għandux kompetenza jiddeċiedi dwar it-talbiet numru 1, 2, 4, 5, 6, u 7, u għar-rigward tat-talbiet numru 8, 9, 10, limitatament għal dak li jirrigwarda l-aġir abbużiv bi ksur tar-regoli tad-dixxiplina. L-appellant qal li t-talbiet tiegħu huma kollha relatati ma' trattament diskriminatorju *ai termini* tal-artikoli 26, 28 u 29 tal-liġi sussidjarja 452.95, li huwa ġie assoġġettat għalih fuq il-post tax-xogħol mill-appellata KSI. Qal li huwa ilmenta mill-fatt li ma kienx qiegħed jiġi ttrattat bħal ħaddiema tal-Gvern oħrajn li bbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija permezz tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u d-Direttiva 11 li permezz tagħha ħareġ il-*Manual on Disciplinary Procedures in the Public Service.* Kompla jgħid li huwa kien qiegħed jilmenta minn vittimizzazzjoni wara li l-appellata KSI istitwiet proċeduri dixxiplinarji kontra tiegħu talli huwa għamel ilment mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-*Data.*

Qal li l-imġiba tal-appellata kellha l-iskop, jew l-effett, li tivvjola d-dinjità tiegħu, u għalhekk inħoloq ambjent intimidatorju, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv għalih. Qal li ladarba t-talbiet tiegħu huma marbuta ma' trattament diskriminatorju, it-Tribunal għandu l-kompetenza li jiddeċiedi dwarhom, abbażi tal-liġi sussidjarja 452.100, li permezz tagħha ġew introdotti regolamenti li jestendu l-applikabilità ta' disposizzjonijiet dwar trattament ugwali għall-impjiegi mal-Gvern.

16. L-appellant qal li l-artikolu 30 tal-Kap. 452 jagħti l-poteri lit-Tribunal sabiex jipprovdi dwar l-ewwel żewġ talbiet ukoll, u dan peress li jekk jiddeċiedi li jilqa' t-talba numru 3, li t-Tribunal iddeċieda li għandu kompetenza jiddeċiedi dwarha, ikun jista' jħassar il-klawsola tal-Ftehim Kollettiv li tgħid li l-appellant huwa soġġett għall-provvedimenti dixxiplinarji tal-Ftehim Kollettiv, bħall-ħaddiema l-oħra li kienu daħlu direttament mal-KSI, u dan minkejja li huwa kien ġie *detailed* mal-KSI minn mas-Servizz Pubbliku, u li huma differenti minn dawk li japplikaw għall-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku, bil-konsegwenza naturali li jiġu indirizzati t-talbiet numri wieħed u tnejn b'mod awtomatiku. L-appellant qal li għalhekk it-Tribunal ma kellux isib diffikultà biex jiddeċiedi t-talbiet tiegħu u jagħti dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa biex tiġi radrizzata d-diskriminazzjoni allegata minnu li tinkludi l-vittimizzazzjoni, il-fastidju u l-kundizzjoni diskriminatorja tal-Ftehim Kollettiv dwar l-azzjoni dixxiplinarja.

17. It-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar id-deċiżjoni finali tat-Tribunal mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 2023, fejn ikkonkluda li dan mhux każ fejn id-diskriminazzjoni allegata hija waħda kontinwata, iżda dan huwa każ fejn l-allegata diskriminazzjoni hija dwar każ wieħed, jiġifieri il-proċeduri ta' dixxiplina

fil-konfront tal-appellant. Qal li t-talba numru 3 tiegħu tikkonċerna kundizzjoni tal-impjieg li tinsab fil-Ftehim Kollettiv, li skont l-appellant għandha effett diskriminatorju. Qal li f'dawn iċ-ċirkostanzi japplika l-artikolu 30 tal-Kap. 452, li jipprovdi żmien utili ta' erba' xhur għall-preżentata ta' ilment dwar ksur allegat.

18. Qal li minkejja li t-Tribunal għamel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar, 2008 fl-ismijiet **Grezzju Azzopardi *vs.* Public Broadcasting Services**, dik is-sentenza tgħid proprju l-kontra ta' dak li kkonkluda t-Tribunal, u ċjoé li sakemm iddum *in vigore* il-klawsola fil-Ftehim Kollettiv li qiegħed jilmenta minnha hu, huwa ser jibqa' jissubixxi l-effetti tagħha, u huwa għalhekk li din għandha titqies bħala *a continuing act.* L-appellant qal li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni f'dan il-każ tressqet mill-appellati, li kellhom l-oneru li jippruvaw li huwa kien f'pożizzjoni li seta' raġonevolment u leġittimament jipproponi t-talba tiegħu. Qal li t-Tribunal ikkonkluda li fl-1 t'Awwissu, 2020, l-appellant żgur li kien jaf fhiex kien jikkonsisti l-Ftehim Kollettiv, għaliex għamel riferiment għalih fl-ittra mibgħuta minnu. L-appellant qal li din m'hija xejn ħlief assunzjoni, għaliex l-ittra in kwistjoni imkien ma ssemmi l-klawsola li qiegħda tiġi kkontestata. Qal li l-ewwel prova li teżisti li l-appellant kien jaf bil-problema li qiegħed jilmenta dwarha, hija fil-minuti tal-laqgħa tal-bord tad-dixxiplina li saret fit-28 t'Awwissu, 2020, iżda la l-intimati u lanqas it-Tribunal ma rreferew għaliha. Qal li din it-teżi tirrikonċilja max-xhieda ta' Thomas Woods, li ddikjara li suppost kulħadd kellu jiżgura li l-Ftehim Kollettiv ikun fih l-istess provvedimenti tar-regolamenti tad-dixxiplina applikabbli għad-dixxiplina tal-ħaddiema tal-Gvern li jkunu ġew *detailed* mal-KSI (ir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku). L-appellant qal li kien biss meta saret l-ewwel seduta u ġie spjegat lill-avukat tiegħu, kif kien ġie maħtur u kompost il-

Bord tad-Dixxiplina, li huwa tassew induna u seta' jitqies li sar jaf bid-differenzi bejn il-Ftehim Kollettiv u r-Regolamenti tal-Proċedura tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni li qiegħed jilmenta dwarhom issa, u li kien biss f'dan il-mument li huwa seta' jieħu l-passi neċessarji sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu, kif fil-fatt għamel fit-termini mogħtija lilu mil-liġi.

**Ir-Risposta tal-Appell**

19. L-appellati fir-risposta tagħhom ippreżentata fil-5 ta' Diċembru, 2023, qalu li kien l-appellant stess li irtira l-ewwel u t-tieni talba tiegħu proprju fl-ewwel seduta li saret quddiem it-Tribunal fit-22 ta' Jannar, 2021, u għalhekk issa huwa inkonsapevoli kif issa qiegħed jilmenta mid-deċiżjoni tat-Tribunal li m'għandux kompetenza jisma' dawn it-talbiet. Qalu li dak li qiegħed jiġi mitlub it-Tribunal fl-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' talba tal-appellant, huwa jekk il-proċeduri adottati mill-appellata KSI bħala parti mill-proċeduri ta' dixxiplina kienux jirrispettaw id-drittijiet tiegħu bħala ħaddiem tas-Servizz Pubbliku, jew inkella kellhom jiġu applikati il-proċeduri li joħorġu mill-Ftehim Kollettiv tal-KSI. Qalu li t-Tribunal, permezz tad-deċiżjoni preliminari, għadda sabiex iddeċieda li m'għandux kompetenza jisma' dawn it-talbiet. L-appellati qalu li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li materji li jikkonċernaw uffiċjali pubbliċi ma jaqgħux taħt il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali, kif jirriżulta mill-artikolu 75 tal-Kap. 452 stess. L-appellata għamlet riferiment ukoll għas-sub-inċiż (2) tal-artikolu 80 tal-Kap. 452, li jgħid li t-Tribunal għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' kull ħaġa li taqa' taħt il-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Qalu li għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu, fejn jgħid li l-appellant bħala uffiċjal

pubbliku ma kellux rimedju quddiem it-Tribunal, għaliex jekk xejn ir-rimedju kien quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hija stabbilita mil-liġi suprema fil-pajjiż. L-appellati qalu li l-appellant ma jippreżenta l-ebda argument li permezz tiegħu jxejjen l-imsemmija żewġ artikoli, għajr għar-riferiment għal-liġi sussidjarja 452.100, li filwaqt li testendi l-protezzjoni kontra l-vittimizzazzjoni għal ħaddiema mal-Gvern, bl-ebda mod ma testendi l-kompetenza tat-Tribunal Industrijali dwar l-istess materja. Qalu li l-kompetenza tat-Tribunal Industrijali permezz tal-imsemmija liġi sussidjarja baqgħet l-istess, u l-appellant imkien ma wera li dan huwa każ ta' vittimizzazzjoni, iżda dejjem straħ fuq allegata diskriminazzjoni. L-appellati qalu li għalhekk l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

20. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellati qalu li dan jikkonċerna d-deċiżjoni finali tat-Tribunal li permezz tagħha laqa' l-eċċezzjoni tagħha li din l-azzjoni hija preskritta għaliex saret wara li għalaq it-terminu ta' erba' xhur. L-appellati qalu li l-artikolu 30 tal-Kap. 452, jagħmilha ċara li t-terminu ta' dekadenza applikabbli għal proċeduri li jistgħu jsiru quddiem it-Tribunal Industrijali, huwa dak ta' erba' xhur. Qalu li in segwitu għad-deċiżjoni preliminari mogħtija mit-Tribunal fid-19 ta' Frar, 2021, l-unika pendenza li kien għad fadal quddiem it-Tribunal kienet dwar it-talbiet numru 3, 8, 9 u 10 tar-rikors promutur, li jittrattaw dwar jekk klawsola misjuba fl-Appendiċi tal-Ftehim Kollettiv iffirmat fl-2015, kienitx tikser id-drittijiet tal-appellant bħala ħaddiem tal-Gvern, u jekk din għandhiex effett diskriminatorju fuqu. Qalu wkoll li tul il-proċeduri, ħareġ ċar li dan il-Ftehim Kollettiv daħal fis-seħħ fl-2015, u dan kif indika l-appellant fir-rikors promutur tiegħu, filwaqt li l-appellant kien ilu *detailed* mal-appellata KSI mill-2003. L-appellati qalu li jekk l-appellant ħass li l-

Ftehim Kollettiv kien jikser xi drittijiet tiegħu jew li kien diskriminatorju miegħu, kwalunkwe azzjoni li kellu jieħu kellha tinbeda fi żmien erba' xhur minn meta daħal fis-seħħ il-Ftehim Kollettiv, jiġifieri mill-2015. Qalu li huwa evidenti li fil-każ odjern l-erba' xhur skadew, u jekk l-appellant irid isostni li l-Ftehim Kollettiv kien diskriminatorju miegħu, huwa kellu jagħmel dan fi żmien erba' xhur mill-2015. L-appellati qalu li l-Ftehim Kollettiv ma setax isir diskriminatorju mal-appellant meta nbdew il-proċeduri ta' dixxiplina kontra tiegħu, iżda jekk dan il-Ftehim Kollettiv kien diskriminatorju, dan kien ilu hekk mill-2015, f'liema perijodu l-appellant ma ħa l-ebda azzjoni kontra l-appellata KSI.

21. L-appellati qalu wkoll li mingħajr preġudizzju għal dan, jekk jiġi meqjus li kienu l-proċeduri ta' dixxiplina li wasslu għal-leżjoni tad-drittijiet tal-appellant jew għall-att diskriminatorju, kif wara kollox iddeċieda t-Tribunal, l-appellant kien ilu jaf mis-27 ta' Lulju, 2020 li l-proċeduri ta' dixxiplina kienu ser isiru skont il-Ftehim Kollettiv, u l-appellant intavola l-proċeduri odjerni fit-18 ta' Diċembru, 2020, u għalhekk ferm wara l-erba' xhur ta' dekadenza skont il-liġi.

22. L-appellati qalu li ma jaqblux mas-sottomissjoni tal-appellant li dan kien każ ta' diskriminazzjoni kontinwata, għaliex li kieku seħħet din id-diskriminazzjoni, setgħet isseħħ jew mal-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv li l-appellant iqis li huwa diskriminatorju, jew meta l-Ftehim Kollettiv ġie applikat fil-konfront tiegħu, jiġifieri permezz tal-proċeduri ta' dixxiplina mibdija fis-27 ta' Lulju, 2020. L-appellati qalu li madanakollu l-proċeduri odjerni ġew intavolati ferm wara l-erba' xhur li jibdew jiddekorru mid-dati in kwistjoni. Qalu wkoll li għalhekk kien korrett it-Tribunal li laqa' l-eċċezzjoni tagħhom u kkonferma li l-proċeduri ġew intavolati wara t-terminu ta' dekadenza stipulat fil-Kap. 452.

23. L-appellati temmew jgħidu li fi kwalunkwe każ il-mertu ta' dawn il-proċeduri ġie eżawrit matul is-smigħ tal-istess proċeduri, għaliex il-Ftehim Kollettiv in kwistjoni llum skada u hemm ieħor minfloku. Qalu wkoll li l-appellant lanqas għadu jaħdem mal-appellata KSI. Żiedu li kull talba għad-danni hija kompletament infondata, għaliex jekk wieħed kellu jieħu d-danni pretiżi mill-appellant f'dawn il-proċeduri, u ċioé t-telf fis-salarju tiegħu wara li telaq minn mal-KSI, dan it-telf ġabu l-appellat b'idejh, għaliex kien huwa stess li waqqaf id-*detailing* tiegħu mal-KSI.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

24. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal Industrijali fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellati.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Id-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal ma kinitx korretta]*

25. L-appellant qal li t-Tribunal Industrijali kien żbaljat meta ddeċieda li huwa m'għandux il-kompetenza meħtieġa sabiex jiddeċiedi dwar l-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet tiegħu. Qal li t-talbiet tiegħu huma kollha relatati mad-diskriminazzjoni allegatament sofferta minnu *ai termini* tal-artikoli 26, 28 u 29 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95, u li huwa baqa' ma ngħatax il-protezzjoni mogħtija lill-uffiċjali pubbliċi permezz tal-*Public Service Management Code,* u dan għaliex il-proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu

tmexxew skont il-Ftehim Kollettiv. Qal li huwa qiegħed jilmenta wkoll li ġie ivvittimizzat meta nbdew proċeduri dixxiplinarji kontra tiegħu wara li huwa ressaq ilment quddiem il-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-*Data,* u taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.100 huwa t-Tribunal Industrijali li għandu kompetenza jisma' l-ilment tiegħu li huwa ġie ddiskriminat.

26. Il-Qorti tibda billi tosserva li huwa minnu li kif jgħidu l-appellati, l-avukat difensur tal-appellant waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2021, kien irrinunzja għall-ewwel żewġ talbiet fir-rikors promotur, u għaldaqstant it-Tribunal lanqas li kieku wera li kellu l-kompetenza meħtieġa, ma setax jiddeċiedi dwar dawn iż-żewġ talbiet. Barra minn hekk, it-Tribunal iddeċieda wkoll li ladarba jirriżulta li l-appellant huwa uffiċjal pubbliku li ġie *detailed* mal-appellata KSI, kull lanjanza mressqa minnu dwar allegata diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, għandha tiġi deċiża skont ir-regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u skont il-proċeduri li joħorġu mill-*Public Service Management Code.* Din id-deċiżjoni ssib konfort f'dak li jipprovdi l-artikolu 80(2) tal-Kap. 452:

> "Meta xi ħaġa quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar uffiċjali pubbliċi t-Tribunal għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' kull ħaġa li taqa' taħt il-funzjoni ta' dik il-Kummissjoni."

27. Iżda l-appellant jgħid, li fil-każ odjern it-Tribunal kien kompetenti biex jisma' t-talbiet tiegħu minħabba f'dak li jipprovdu r-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi (il-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95), u r-Regolamenti li jestendu l-applikabilità ta' disposizzjonijiet dwar trattament ugwali fl-impjiegi għal servizz mal-Gvern (il-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.100). Il-Qorti tirrileva li l-iskop wara l-promulgazzjoni tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.95 kien sabiex jidħlu fis-seħħ prinċipji ta' trattament ugwali fir-rigward ta' impjieg

billi jispeċifikaw ir-rekwiżiti minimi meħtieġa biex jikkumbattu trattament diskriminatorju għal raġunijiet ta' reliġjon jew ta' twemmin reliġjuż, diżabilità, età, sess, orjentament sesswali jew oriġini razzjali jew etnika. Għaldaqstant jidher li d-diskriminazzjoni li l-leġislatur ried li jipproteġi kontriha, liema protezzjoni testendi għal ħaddiema fis-settur pubbliku bis-saħħa tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.100, hija diskriminazzjoni relatata ma' xi waħda mill-raġunijiet msemmija f'din il-leġislazzjoni sussidjarja, u mhux diskriminazzjoni marbuta ma' kwalsiasi fattur ieħor. Fil-każ odjern l-appellant qiegħed jallega li huwa ġie ddiskriminat meta fil-konfront tiegħu ġew applikati d-disposizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv li jirregolaw il-ħaddiema tal-appellata KSI, minflok id-disposizzjonijiet tal-*Public Service Management Code* li jirregolaw lill-ħaddiema taċ-Ċivil. Għalhekk kien korrett it-Tribunal meta kkonkluda li safejn l-appellant qiegħed jallega li huwa ġie ddiskriminat minħabba f'dan il-fatt, it-Tribunal m'għandux il-kompetenza meħtieġa, u hija l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li għandha kompetenza tiddetermina kwistjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni allegatament sofferta mill-appellant.

28. Il-Qorti hawnhekk trid tagħmel parentesi għaliex fil-fehma tagħha teżisti kontradizzjoni qawwija bejn it-talbiet tal-appellant fir-rikors promotur tiegħu quddiem it-Tribunal, u l-aggravji mressqa fir-rikors tal-appell tiegħu. L-appellant jilmenta li huwa ġie diskriminat għaliex fil-każ tiegħu ma ġiex applikat il-*Public Service Management Code,* iżda ġew applikati l-klawsoli relattivi tal-Ftehim Kollettiv. L-appellant issa qiegħed jilmenta għaliex it-Tribunal iddeċieda li l-kwistjoni odjerna għandha tiġi deċiża mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, u li t-Tribunal m'għandux il-kompetenza meħtieġa sabiex jiddetermina kwistjonijiet li jinvolvu uffiċjali pubbliċi bħalma huwa l-appellant. Il-Qorti tqis li

dan l-aggravju qajla jagħmel sens ladarba l-appellant stess fit-talbiet tiegħu speċifika li huma r-regolamenti fil-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li għandhom japplikaw. Mingħajr ma daħal fil-mertu proprju tal-każ, it-Tribunal qabel li hija l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku li għandha l-kompetenza li tiddeċiedi dwar din il-vertenza, filwaqt li t-Tribunal osserva li huwa għandu kompetenza biss sabiex jiddeċiedi dwar it-tielet talba tal-appellant, jiġifieri dwar jekk il-klawsola fl-Appendiċi III tal-Ftehim Kollettiv tilledix il-jeddijiet tal-appellant bħala ħaddiem tas-Servizz Pubbliku li ġie *detailed* mal-KSI, u jekk l-applikazzjoni ta' din il-klawsola, għandhiex effett diskriminatorju fuqu. Għaldaqstant, in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni]*

29. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li huwa jħossu aggravat għaliex it-Tribunal iddeċieda li fil-każ odjern m'hemmx diskriminazzjoni kontinwata. L-appellant qal li sakemm huwa ser jibqa' jissubixxi l-effetti tal-klawsola tal-Ftehim Kollettiv li qiegħed jilmenta minnha, din għandha titqies bħala att kontinwat. Qal li kuntrarjament għal dak li assuma t-Tribunal, li fl-1 t'Awwissu, 2020 huwa kien diġà jaf x'kien fih il-Ftehim Kollettiv li issa qiegħed jilmenta dwaru, huwa sar jaf bil-kontenut tal-Ftehim Kollettiv u bil-kompożizzjoni tal-bord tad-dixxiplina *ai termini* tal-istess Ftehim Kollettiv fil-laqgħa li saret bejn il-partijiet fit-28 t'Awwissu, 2020, u għalhekk kien biss f'dak il-mument li huwa sar jaf bid-differenzi bejn il-Ftehim Kollettiv, u dak li jgħid il-

*Public Service Management Code.* Qal li kien biss wara din il-laqgħa li huwa seta' jieħu l-passi neċessarji sabiex jissalvagwardja l-pożizzjoni tiegħu.

30. L-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, jimponi perijodu ta' dekadenza ta' erba' xhur mill-allegat ksur tal-artikoli 26, 27, 28 u 29 tal-Kap. 452, sabiex it-Tribunal jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis li jkunu xierqa. L-imsemmija artikoli tal-liġi jħarsu kontra d-diskriminazzjoni fl-impjieg; iħarsu d-dritt għall-istess rata ta' remunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali; iħarsu impjegat minn vittimizzazzjoni meta dan ikun għamel ilment lill-awtoritajiet leġittimi jew talli jkun beda jew ħa sehem fi proċeduri għar-riżarċiment abbażi tal-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 452, u jħarsu mill-għoti ta' fastidju. L-appellant jgħid li huwa ġie vvitimizzat u ġie mgħarraf li ser jinbdew proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu wara li hu fil-5 ta' Marzu, 2020 għamel ilment quddiem il-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-*Data*. Sadanittant l-appellant irritorna lura x-xogħol, u fis-27 ta' Lulju, 2020 huwa ġie mgħarraf li kienu ser jinbdew proċeduri dixxiplinarji kontra tiegħu. Kien f'dak il-punt li l-appellant qal li beda jħossu vvittimizzat, u kien hemm li beda jallega li l-proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu kienu saru b'ritaljazzjoni għall-fatt li huwa kien ressaq ilment quddiem il-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-*Data.* Il-Qorti tqis għalhekk li l-perijodu ta' erba' xhur dekadenza beda jiddekorri minn dakinhar li l-appellant ġie infurmat li ser jittieħdu proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu, jiġifieri fis-27 ta' Lulju, 2020, għaliex wara kollox huwa l-appellant innifsu li jorbot it-teħid tal-proċeduri dixxiplinarji mal-allegazzjoni ta' vittimizzazzjoni, li huwa jallega li segwiet l-ilment tiegħu quddiem il-Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u tad-*Data.*

31. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li huwa seta' jibda l-proċeduri odjerni biss wara li ġie mgħarraf kif kien ser ikun kompost il-bord tad-dixxiplina, jiġifieri wara l-laqgħa tat-28 t'Awwissu, 2020, u dan f'tentattiv sabiex jikkonvinċi lil din il-Qorti li huwa ma ddekadiex mid-dritt li jressaq azzjoni fit-terminu preskritt. Il-Qorti iżda tirrileva li l-appellant kien ilu jaf li kienu ser jinbdew proċeduri kontra tiegħu *ai termini* tal-Ftehim Kollettiv, u kien dakinhar li bdew jgħaddu l-erba' xhur ta' dekadenza. Għaldaqstant issib li t-Tribunal kien korrett fil-konklużjoni tiegħu li l-appellant iddekada mid-dritt tal-appell skont l-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex kienu għaddew l-erba' xhur stabbiliti mil-liġi. Għaldaqstant tqis li anki dan l-aggravju mhux mistħoqq, u sejra tiċħdu ukoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**